Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Valentín Salmerón Sánchez

Konvenuti: Ministerio Fiscal u Dorotea López León

Domandi preliminari

(1) Id-dritt tal-vittma li tiġi mifhuma, stabbilit fil-Premessa 8 tad-Deċiżjoni Kwadru [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa obbligu pożittiv, li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi inkarigati li jipproċedu legalment kontra u jirreprimu l-atti kriminali, li jippermettu lill-vittma li tesprimi l-evalwazzjoni, ir-riflessjoni u l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-effetti diretti li jista' jkollha fuq ħajjitha l-impożizzjoni ta' miżuri repressivi fil-konfront tal-awtur tal-vjolenzi li miegħu għandha relazzjoni familjari jew affettiva stretta?

(2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/JAI għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu li l-Istati għandhom li jirrikonoxxu d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-vittma jimponilhom li jieħdu inkunsiderazzjoni l-opinjoni tagħha meta l-konsegwenzi kriminali tal-proċeduri jistgħu jikkompromettu fil-qofol tiegħu u direttament l-eżerċizzju tad-dritt tagħha għall-iżvilupp liberu tal-personalità tagħha u tal-ħajja privata u familjari tagħha?

(3) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/JAI għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet pubbliċi ma jistgħux jirrifjutaw li jieħdu inkunsiderazzjoni r-rieda ħielsa tal-vittma meta hija topponi l-impożizzjoni jew iż-żamma ta' ordni ta' protezzjoni, peress li l-aggressur huwa membru tal-familja tagħha, meta mhija kkonstatata l-ebda sitwazzjoni oġġettiva ta' riskju ta' reċedività, u meta jiġi kkonstatat li livell ta' kompetenza personali, soċjali, kulturali u emotiva jeskludu l-possibbiltà tal-issuġġettar tal-awtur tal-vjolenzi, jew inkella, bil-kontra ta' dan, li r-rilevanza ta' din il-miżura għandha tiġi kkonfermata f'kull każ fid-dawl tal-kategorija partikolari ta' dawn l-atti kriminali?

(4) L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/JAI, sa fejn jipprovdi li l-Istati għandhom jiżguraw livell ta' protezzjoni xieraq lill-vittma, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-impożizzjoni ġeneralizzata u obbligatorja ta' ordnijiet ta' protezzjoni jew ta' trażżin minn kull kuntatt bħala pieni anċillari f'kull każ fejn persuna tkun vittma ta' att kriminali mwettaq fil-kuntest familjari, fid-dawl tal-kategorija partikolari ta' dan il-ksur, jew inkella, bil-kontra ta' dan, fis-sens li l-imsemmi Artikolu 8 jimponi evalwazzjoni individwalizzata li tippermetti li jiġi identifikat, każ b'każ, il-livell xieraq ta' protezzjoni fid-dawl tal-interessi inkwistjoni?

(5) L-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/220/JAI għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-esklużjoni ġenerali tal-medjazzjoni matul il-proċeduri kriminali li jirrigwardaw atti kriminali mwettqa fil-kuntest familjari fid-dawl tal-kategorija partikolari ta' dawn l-atti kriminali, jew inkella, bil-kontra ta' dan, li hemm lok li l-medjazzjoni tiġi permessa wkoll f'dan it-tip ta' proċeduri, billi jiġu evalwati, każ b'każ, l-interessi inkwistjoni?

[1] Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/220/JAI, tal-15 ta' Marzu 2001, dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali
ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19 Vol. 4 p. 72

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia (L-Italja) fl-4 ta' Jannar 2010 — Azienda Agro-Zootecnica Franchini sarl u Eolica di Altamrua s.r.l. vs Regione Puglia

(Kawża C-2/10)

(2010/C 63/54)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Puglia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Azienda Agro-Zootecnica Franchini sarl u Eolica di Altamura s.r.l.

Konvenuta: Regione Puglia

Domanda preliminari

(1) Id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-paragrafu 1226 tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 296 tas-27 ta' Diċembru 2006, tal-Artikolu 5(1) tad-Digriet tal-Ministeru għall-Ambjent u għall-Protezzjoni tat-territorju u tal-baħar tas-17 ta' Ottubru 2007 u tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 2 tal-Liġi Reġjonali Nru 31 ta' Puglia, tal-21 ta' Ottubru 2008, huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari mal-prinċipji li jirriżultaw mid-Direttivi 2001/77/KE [1] u 2009/28/KE [2] (dwar l-enerġija rinovabbli) u mid-Direttivi 1979/409/KE [3] u 1992/43/KE [4] (dwar il-protezzjoni tal-għasafar u tal-habitats naturali), inkwantu dawn jipprojbixxu assolutament u bla distinzjoni, li turbini tar-riħ mhux intiżi għall-konsum proprju jitqiegħdu f'siti ta' importanza għall-Komunità (SIK) u f'żoni speċjali ta' protezzjoni (ŻSP) li jikkostituwixxu n-netwerk ekoloġiku "NATURA 2000", minflok ma jiġi previst li ssir stima adegwata tal-effetti ambjentali li tanalizza l-impatt tal-proġett maħsub fuq is-sit speċifikament ikkonċernat bl-intervent?

[1] Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 121
[2] ĠU L 140, p. 16
[3] Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98
[4] Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102